**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 13 ta' Lulju, 2022**

**Talba Nru: 139/2021MD**

**Duncan Formosa (K.I. numru: 319184M)**

**Vs**

**Wayne Cassar (K.I. numru: 75878M)**

**Mandy Cassar (K.I. numru: 446380M)**

## It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-11 ta' Mejju, 2021[1] permezz ta' liema l-attur talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh s-somma ta' erbat'elf, disgha mija u tmienja u hamsin Ewro (€4,958) rapprezentanti l-kera ta' vetturi, kif ukoll spejjez u danni inkorsi mill-atturi; bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data meta gew zborsati l-ispejjez mill-attur.

Ra l-kopja tal-ftehim[2] u l-fattura[3] annessi mal-istess avviz.

[1] *A fol* 1 *et seq* tal-process.
[2] *A fol* 6 tal-process.
[3] *A fol* 7 tal-process.

Ra l-affidavit ta' Dr. Jeremy Buttigieg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici[4] fejn ikkonferma illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghadu dovut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti tal-5 ta' Lulju, 2022 u tat-12 ta' Lulju, 2022.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tal-5 ta' Lulju, 2022 u fil-fatt il-konvenuti ma dehrux sabiex jirrispondu ghalih ghas-seduta tas-12 ta' Lulju, 2022.

Ra x-xhieda ta' Dr. Lennox Vella[5], rapprezentant legali tal-attur fejn ikkonferma li l-ammont ta' erbat'elf, disgha mija u hamsa u tmenin Ewro (€4,958.00) ghadu dovut u ilu dovut mit-8 ta' Gunju, 2020.

Ra li l-konvenut gie iddikjarat li huwa fi stat ta' kontumacja[6].

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Ulterjorment it-talba tirrizulta kkonfermata wkoll mill-ftehim u l-fattura annessa mal-istess avviz li jindika il-bilanc dovut kiri ta' karozzi u spejjez u danni inkorsi mill-attur, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Lennox Vella in rapprezentanza tal-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-istess attur s-somma ta' erbat'elf, disgha mija u tmienja u hamsin Ewro (€4,958.00) rapprezentanti ammont dovut ghall-kiri, kif ukoll spejjez u danni inkorsi mill-attur, bl-imghax legali mit-8 ta' Gunju, 2020 sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu unikament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Marouska Debono LL.D. M.A. in Law**

**Gudikatur**

---

[4] *A fol* 3 tal-process.

[5] *A fol* 50 tal-process; verbal datat 12 ta' Lulju, 2022.

[6] *A fol* 48 tal-process; verbal datat 5 ta' Lulju, 2022.